TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 25/14-F

**Mario Cordina**

**vs**

**David Dimech eżerċenti l-kummerċ bħala D & C Dimech**

Illum 29 t'April, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Frar, 2014 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' elf, mija u disgħa w sebgħin ewro, u sebgħa w sittin ċenteżmi (€1,179.67), rappreżentanti depożitu li għamel fuq xogħol ta' *steel gates* u *bridge,* u liema xogħol qatt ma ġie kkonsenjat.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien għamel depożitu ta' elf, mija u disgħa w sebgħin ewro, u sebgħa w sittin ċenteżmi (€1,179.67), rappreżentanti depożitu fuq ordni ta' xogħol ta' *steel gates* u *bridge* mingħand l-intimat, liema xogħol ma tlestiex fil-ħin miftiehem u li għadu ma tlestiex sal-ġurnata tal-lum.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjħa tliet darbiet, baqgħet ma dehritx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, s-soċjeta' ntimata kienet għadha ma bagħtitx risposta bil-miktub, u għaldaqstant it-talba mhux qed tiġi kkontestata.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, jikkonsidra li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' elf, mija u disgħa w sebgħin ewro, u sebgħa w sittin ċenteżmi (€1,179.67), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**